Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 24 ta' Ottubru 2019**
**(OR. en)**

**12915/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0096(CNS)**

**FISC 370**
**ECOFIN 862**
**CSDP/PSDC 458**
**POLMIL 98**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 8940/19 - COM(2019) 192 final |
| Suġġett: | Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u d-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward ta' sforz ta' difiża fi ħdan il-qafas tal-Unjoni<br>– Approċċ ġenerali |

1. Fl-24 ta' April 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq (dok. 8940/19). L-għan ta' din il-proposta huwa li t-trattament tal-VAT tal-isforz ta' difiża jiġi allinjat fil-qafas tal-UE u tan-NATO. L-arranġamenti għall-eżenzjonijiet mid-dazji tas-sisa jenħtieġ li jkunu allinjati b'mod simili. Il-proposta ssegwi żviluppi reċenti fil-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa (WPTQ) ikkunsidra l-proposta matul żewġ laqgħat taħt il-Presidenza Finlandiża. It-test ta' kompromess l-aktar reċenti tal-Presidenza, li tqassam wara l-laqgħa tad-WPTQ tal-11 ta' Settembru 2019, u li jinsab fl-Anness għal din in-nota, huwa appoġġat mid-delegazzjonijiet kollha.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill (ECOFIN) jadotta approċċ ġenerali abbażi tat-test li jinsab fl-Anness għal din in-nota bħala punt "A" fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Novembru 2019.

**ANNESS**

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u d-Direttiva 2008/118/KE dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward ta' sforz ta' difiża fi ħdan il-qafas tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Filwaqt li jaġixxu skont proċedura leġislattiva speċjali,

---

1 ĠU C, , p. .
2 ĠU C, , p. .

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE[3] tipprovdi, taħt ċerti kundizzjonijiet, eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għal oġġetti u servizzi fornuti lill-forzi armati ta' kwalunkwe Stat parti għat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana u oġġetti importati minnhom meta tali forzi jkunu qed jieħdu sehem fl-isforz ta' difiża komuni barra l-Istat tagħhom stess.

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE[4] tipprovdi eżenzjoni mid-dazju tas-sisa għal oġġetti tas-sisa maħsuba biex jintużaw mill-forzi armati ta' kwalunkwe parti tal-Istat għat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana għajr dak l-Istat Membru li fih ikun dovut id-dazju tas-sisa, għall-użu ta' dawk il-forzi, għall-persunal ċivili li jakkumpanjahom jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom, soġġett għall-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru ospitanti.

(3) Tali eżenzjonijiet mhumiex disponibbli fejn il-forzi armati ta' Stat Membru jkunu qed jieħdu sehem f'attivitajiet taħt il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) kif stabbilit fi-Kapitolu 2 tat-Taqsima 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-ħtieġa li jitjiebu l-kapaċitajiet Ewropej fil-qasam tad-difiża u tal-immaniġġar ta' kriżijiet u li jissaħħu s-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni Konġunta tagħhom tat-28 ta' Marzu 2018 dwar il-Pjan ta' Attività dwar il-Mobbiltà Militari[5] rrikonoxxa l-ħtieġa ġenerali li t-trattament tal-VAT tal-isforzi ta' difiża jiġi allinjat fi ħdan il-qafas tal-Unjoni u l-umbrella tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO).

---

[3] Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li tħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

[5] JOIN(2018) 5, tat-28 ta' Marzu 2018.

(4) Sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-PSDK jinkludi missjonijiet u operazzjonijiet militari, attivitajiet tal-gruppi tattiċi, assistenza reċiproka, proġetti ta' kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u attivitajiet tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA). Madankollu, jenħtieġ li dan ma jinkludix attivitajiet taħt il-klawsola ta' solidarjetà stabbilita fl-Artikolu 222 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew kwalunkwe attività bilaterali jew multilaterali oħra bejn l-Istati Membri li ma jirrelatawx ma' sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-PSDK.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li tiġi introdotta eżenzjoni mill-VAT biex tkopri l-provvista ta' oġġetti jew servizzi maħsuba jew għall-użu mill-forzi armati ta' Stat Membru jew mill-persunal ċivili li jakkumpanjahom, jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom meta tali forzi jieħdu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-PSDK barra l-Istat Membru tagħhom. Provvisti ta' oġġetti u servizzi għall-forzi armati tal-Istat Membru li fih jiġu fornuti dawk l-oġġetti jew servizzi jenħtieġ li jiġu esklużi mill-eżenzjoni mill-VAT.

(6) Jenħtieġ li tiġi introdotta wkoll eżenzjoni mid-dazju tas-sisa li tkopri l-oġġetti tas-sisa fornuti għall-użu tal-forzi armati ta' kwalunkwe Stat Membru għajr dak li fih ikun dovut id-dazju tas-sisa, meta tali forzi jieħdu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-PSDK barra l-Istat Membru tagħhom.

(7) Barra minn hekk, huwa meħtieġ li tiġi prevista eżenzjoni mill-VAT fejn oġġetti importati mill-forzi armati ta' Stat Membru jkunu maħsuba għall-użu ta' dawk il-forzi jew tal-persunal ċivili li jakkumpanjahom jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom, meta jkunu qed jieħdu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività skont il-PSDK barra l-Istat Membru tagħhom.

(8) B'mod simili għall-eżenzjoni mill-VAT u d-dazju tas-sisa għall-isforz ta' difiża tan-NATO, l-eżenzjonijiet għall-isforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-PSDK jenħtieġ li jkollhom kamp ta' applikazzjoni limitat. L-eżenzjonijiet jenħtieġ li japplikaw biss għal sitwazzjonijiet fejn il-forzi armati jwettqu kompiti marbuta direttament ma' sforz ta' difiża skont il-PSDK. Dawk l-eżenzjonijiet jenħtieġ li ma jkoprux missjonijiet ċivili skont il-PSDK. Oġġetti jew servizzi fornuti għall-użu tal-persunal ċivili jistgħu għalhekk ikunu koperti biss mill-eżenzjonijiet meta l-persunal ċivili jkun qed jakkumpanja l-forzi armati li jwettqu kompiti direttament marbuta ma' sforz ta' difiża skont il-PSDK barra l-Istat Membru tagħhom. Il-kompiti mwettqa esklużivament mill-persunal ċivili jew imwettqa esklużivament bl-użu ta' kapaċitajiet ċivili jenħtieġ li ma jkunux ikkunsidrati bħala sforz ta' difiża. Fi kwalunkwe ċirkostanza, l-eżenzjonijiet lanqas m'għandhom ikopru oġġetti jew servizzi li l-forzi armati jiksbu għall-użu tal-forzi jew il-persunal ċivili li jakkumpanjahom fl-Istat Membru tagħhom stess.

(9) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tallinja t-trattament tal-VAT u tad-dazju tas-sisa ta' sforzi ta' difiża taħt l-oqfsa tal-Unjoni u tan-NATO ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(10) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni[6], l-Istati Membri impenjaw rwieħhom li jehmżu, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom ma' dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' Direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' dokumenti ta' dak it-tip hija ġustifikata.

(11) Id-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE jenħtieġ, għalhekk, li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

---

6 ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

*Artikolu 1*

Emendi għad-Direttiva 2006/112/KE

Id-Direttiva 2006/112/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 22, jiddaħħal l-ewwel paragrafu li gej:

"L-applikazzjoni mill-forzi armati ta' Stat Membru li jkun qed jieħu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, għall-użu tagħhom jew għall-użu tal-persunal ċivili li jakkumpanjahom, ta' oġġetti li ma jkunux xtraw soġġett għar-regoli ġenerali li jirregolaw it-tassazzjoni fis-suq domestiku ta' Stat Membru, għandha tiġi ttrattata bħala akkwist intra-Komunitarju ta' oġġetti bi ħlas, fejn l-importazzjoni ta' dawk l-oġġetti ma tkunx eliġibbli għall-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 143(1)(ga).";

(2) fl-Artikolu 143(1), jiddaħħal il-punt (ga) li ġej:

"(ga) l-importazzjoni ta' oġġetti fl-Istati Membri mill-forzi armati ta' Stati Membri oħra għall-użu ta' dawk il-forzi jew tal-persunal ċivili li jakkumpanjahom jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom fejn tali forzi jieħdu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni;";

(3) fl-Artikolu 151(1), jiddaħħlu l-punti (ba) u (bb) li ġejjin:

"(ba) il-provvista ta' oġġetti jew servizzi fi Stat Membru, maħsuba jew għall-forzi armati ta' Stati Membri oħra għall-użu ta' dawk il-forzi, jew tal-persunal ċivili li jakkumpanjahom, jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom meta tali forzi jieħdu sehem fi sforz ta' difiża komuni mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni;

(bb) il-provvista ta' oġġetti jew servizzi lil Stat Membru ieħor, maħsuba għall-forzi armati ta' kwalunkwe Stat Membru, għajr l-Istat Membru tad-destinazzjoni nnifsu, għall-użu ta' dawk il-forzi, jew tal-persunal ċivili li jakkumpanjahom, jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom meta tali forzi jieħdu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni;".

*Artikolu 2*

Emenda għad-Direttiva 2008/118/KE

Fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2008/118/KE, jiddaħħal il-punt (ba) li ġej:

"(ba) mill-forzi armati ta' kwalunkwe Stat Membru għajr dak l-Istat Membru li fih ikun dovut id-dazju tas-sisa, għall-użu ta' dawk il-forzi, għall-persunal ċivili li jakkumpanjahom jew għall-provvista tal-mensi jew kantins tagħhom meta tali forzi jieħdu sehem fi sforz ta' difiża mwettaq għall-implimentazzjoni ta' attività tal-Unjoni skont il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni;".

*Artikolu 3*

Traspożizzjoni

1. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2022, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta' Lulju 2022.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod kif għandha ssir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*